MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 194/2014

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Settembru tas-sena 1997;

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin;
3. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Charmaine Sant u datat 4 ta' Dicembru tas-sena 2009 u li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mAat Dokument ittra A;
4. Illi miz-zwieg twieled tifel R li ghadu minorenni;
5. Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;
6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixux flimkien illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha eccepiet :

Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta' manteniment qeghdin jigu rispettati u f'dan l-istadju m'hemmx arretrati u ghaldaqstant l-esponenti ma topponix ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti;

Illi in oltre, l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u m'hijiex lesta illi thallas ghall-ispejjez tieghu;

Ghaldaqstant toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma din il-kawza;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Mejju, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Dicembru 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------